**Qorti tal-Appell**

**(Kompetenza Inferjuri)**

**Imhallef Anthony Ellul**

**Appell numru 54/2008AE**

**L-Avukat Leslie Grech ID 103265 f'ismu propju u bhala mandatarju tal-assenti Joyoti Mary Grech u Gitali Melvin flimkien ma' l-Avukat Dr. David Grech ID 293057M f'ismu proprju u bhala mandatarju ta' l-assenti Professur Christopher Grech u Dorothy Higgins u wara l-mewt tal-Avukat Leslie Grech, l-atti kienu legittimati f'isem Dr. David Grech, Professur Christopher Grech u Dorothy Higgins b'digriet tat-3 ta' Frar 2012 u fl-istess digriet Dr. David Grech assuma rrapprezentanza tal-assenti Joyoti Mary Grech u Gitali Melvin.**

**vs**

**Albert Pace ID 777256 u Grace Pace ID 77358M**

L-Erbgha, 11 ta' Novembru 2015.

Dan il-provvediment jitratta talba tal-intimati Pace sabiex l-appell prezentat mill-appellanti fit-28 ta' Marzu 2014, jigi dikjarat dezert. Mill-atti jirrizulta li:-

i. L-appellanti pprezentaw l-appell fit-28 ta' Marzu 2014;
ii. B'digriet moghti fit-2 ta' Lulju 2014 l-appellanti gew awtorizzati jinnotifikaw lill-appellati wara l-hin legali u f'kaz ta' riferti negattivi bil-procedura tal-affissjoni u pubblikazzjoni (Artikolu 187 tal-Kap. 12).
iii. Fit-3 ta' Lulju 2014 l-appellanti hallsu ghan-notifika wara l-hin legali. Ir-riferta, datata 9 ta' Lulju 2014, hi negattiva.
iv. Fit-2 ta' Ottubru 2014 l-appellanti hallsu sabiex issir notifika bl-affissjoni u pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern. Fis-6 ta' Ottubru 2014 saret in-notifika bl-affissjoni.
v. Fit-13 ta' Ottubru 2014 l-appellanti pprezentaw estratt mill-pubblikazzjoni li deheret f'gazzetta lokali ta' kuljum tal-10 ta' Ottubru 2014.
vi. Fid-19 ta' Jannar 2015 l-appellanti regghu pprezentaw rikors fejn ghamlu talba identika ghal dik li saret bir-rikors tat-2 ta' Ottubru 2014. B'digriet tal-21 ta' Jannar 2015 il-qorti laqghet it-talba.
vii. B'nota prezentata fit-2 ta' Marzu 2015, l-appellanti pprezentaw estratt mill-pubblikazzjoni li deheret f'gazzetta lokali ta' kuljum tal-21 ta' Frar 2015.
viii. Il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern saret fit-12 ta' Gunju 2015.

L-appellanti jargumentaw li ma kellhomx tort ghad-dewmien li seta' kien hemm fil-pubblikazzjoni tal-Gazzetta tal-Gvern, li ssir mill-amministrazzjoni tal-Qorti.

Hu minnu li skond l-Artikolu 963 tal-Kap. 12 fil-Qorti tal-Appell procedura bil-miktub ghandha tinghalaq fi zmien **perentorju** ta' sena li jiddekorri mid-data tal-prezentata tar-rikors tal-appell. Madankollu l-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12 jipprovdi:

*"(3) Jekk, ukoll jekk ikunu għaddew iż-żminijiet perentorji msemmijin fis-subartikolu (1), jinsab li l-proċeduri bil-miktub f'kawża m'humiex magħluqa, il-qorti għandha għal darba waħda biss tagħti dawk l-ordnijiet li jidhrilha xierqa sabiex l-istess proċeduri jingħalqu kemm jista' jkun malajr u sabiex jiġi evitat illi l-kawża tmur deżerta minħabba f 'xi nuqqas ta' notifika jew minħabba f'xi nuqqas ta' twettiq ta' xi proċedura jew formalità".*

Mill-atti jirrizulta li ordni simili qatt ma nghatat. L-ewwel jum ta' smiegh kien fit-3 ta' Gunju 2015. Il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern saret fit-12 ta' Gunju 2015, cjoe' wara l-ewwel seduta. F'dan il-kaz hu evidenti li min-naha tal-amministrazzjoni tal-Qorti kien hemm nuqqas serju fil-fatt li l-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ma saritx fi zmien qasir u ragonevoli minn meta l-appellanti hallsu l-ispejjez relatati mal-pubblikazzjoni. Meta tqies li l-hlas sar fit-2 ta' Ottubru 2014, pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern iktar minn tmien (8) xhur wara hu dewmien irragonevoli.

Fl-istess hin il-qorti ma tistax ma tosservax kif:

i. Wara r-riferta negattiva tad-9 ta' Lulju 2014, kien biss fit-2 ta' Ottubru 2014 li l-appellanti hallsu l-ispejjez relatati mal-affissjoni u pubblikazzjoni. Dewmien li wkoll hu ezagerat;
ii. Mill-atti ma jirrizultax li l-appellanti qatt attiraw l-attenzjoni tal-qorti ghad-dewmien biex issir il-pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-gvern. Min jappella ghandu jiftakar li hu fl-interess tieghu li ma jibqax passiv u jkun pro-attiv. M'ghandux imbaghad jipprova jahbi n-nuqqas tieghu billi jipponta subajgh lejn terzi.

Madankollu, bl-introduzzjoni tas-subinciz (3) fl-Artikolu 963 tal-Kap. 12[1], fejn ukoll ikun ghadda z-zmien perentorju ta' sena l-qorti **ghandha** taghti zmien sabiex il-proceduri jkun jistghu jinghalqu malajr. Din m'hijiex diskrezzjoni tal-qorti. B'dan il-mod hu evidenti li l-ghan tal-legislatur kien li kemm jista' jkun kawzi ma jmorrux dezerti. Ladarba l-applikazzjoni tas-subinciz (3) ma gietx limitata ghall-kawzi quddiem xi qorti partikolari, japplika kemm ghall-proceduri quddiem il-Prim'Awla u wkoll il-Qorti tal-Appell. Bl-introduzzjoni tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12, ordni ta' dezerzjoni tista' biss tinghata wara li tkun inghatat ordni fit-termini tal-imsemmi provvediment. Tant hu hekk li s-subinciz (3A) jipprovdi:-

[1] Bl-Att VIII tal-2007.

*"(3A) Id-deżerzjoni ta' kawża għandha tiġi dikjarata b'digriet mogħti fil-qorti bil-miftuħ* ***jekk, wara li jkunu ngħataw l-ordnijiet imsemmijin fis-subartikolu (3), il-proċeduri bil-miktub jibqgħu ma jingħalqux****"* (enfazi mizjuda).

F'dan l-istadju mill-atti jirrizulta li n-notifiki saru u l-proceduri bil-miktub huma maghluqa. Ghalkemm hu veru li l-proceduri bil-miktub ma nghalqux fil-perjodu ta' sena mid-data tal-prezentata tar-rikors tal-appell, jibqa' 'l fatt li din il-qorti qatt ma tat ordni fit-termini tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12. Ghalhekk l-appell m'ghandux jigi ddikjarat dezert.

Gialadarba l-proceduri bil-miktub huma maghluqa, f'dan l-istadju m'hemmx htiega li jinghata provvediment fit-termini tal-Artikolu 963(3) tal-Kap. 12.

**Ghaldaqstant tichad it-talba tal-appellati sabiex tiddikjara dezert l-appell li l-appellanti pprezentaw fit-28 ta' Marzu 2014, bl-ispejjez ta' dan il-provvediment kontra taghhom**.

Anthony Ellul.